# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 301/2013**

Il-Pulizija

vs

**Jason Farrugia**

iben Emanuel , imwieled Pieta',  fil-25 ta' Mejju, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 261084(M)

Illum, 3 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jason Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar ti-12 ta' Settembru, 2012 ghall-habta tat-20.30hrs, fi Triq San Gwann, Gharghur, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB 486 minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi.

Il-Qorti giet mitluba li l-imsemmija persuna tigi skwalifkata mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400) u skawlifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason Farrugia pprezentat fit-27 ta' Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull piena mposta fuqu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi minn dak li jirrizulta mill-istess affidavit ta' PS 746 kif ukoll mid-dokumentazzjoni li giet ipprezentata quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet tghaddi biex issib htija fil-konfront tal-imputat a bazi tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u dan minhabba l-principju ta' *ne bis in idem*.
Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel dehera, id-difiza qajjmet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, minhabba li l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti kienet titratta wkoll it-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs, meta l-esponenti kien digà hallas ghal dan il-fatt tramite c-citazzjonijiet kollha li huwa kien gie moghti mill-pulizija fuq il-post stess fl-istess data u hin.
Din l-eccezzjoni d-difiza ghamlitha a bazi mhux biss ta' dak li intqal fl-affidavit minn PS 746, izda wkoll permezz ta' prezentazzjoni ta' dokumenti li ezebiet id-difiza, liema dokumenti juru li t-tlett citazzjonijiet indikati mill-istess pulizija fl-affidavit tieghu kienu gew imhallsa.

✓ **Dwar x'hiex gie akkuzat l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti?**

L-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti gie akkuzat talli saq vettura li ma kellhiex polza tal-assikurazzjoni <u>fit-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs go Triq San Gwann, il-Gharghur.</u>

✓ **X'jirrizulta mill-affidavit u mid-dokumenti ezebiti mid-difiza?**

a) Jirrizulta li dakinhar tat-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs, fuq il-post stess, inhargu tlett citazzjonijiet mill-pulizija;
b) Is-surgent Attard Mc Carthy jikkonferma li huwa hareg dawn it-tlett citazzjonijiet fil-mument li l-esponenti gie mwaqqaf minhabba l-agir tieghu f'dak il-mument;
c) Dawn it-tlett citazzjonijiet jirrigwardjaw sewqan minghajr seatbelt, uzu tal-mobile waqt li x-xufier li kien qed isuq u licenzja skaduta;
d) Aktar importanti minn hekk, dawn kollha jirrigwardjaw l-incident li sehh fit-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs fi Triq San Gwann, il-Gharghur;
e) Infatti mhux biss mill-affidavit imma anke mid-dokumenti ezebiti mid-difiza, il-hin u data huma identici ghal dak indikat supra;
f) Id-dokumenti pprezentanti mid-difiza, jikkonfermaw ukoll illi dawn ic-citazzjonijiet gew imhallsa u dan il-fatt lanqas ma gie kontestat mill-prosekuzzjoni.

Isegwi ghalhekk, b'mod mill-aktar car li kemm it-tlett citazzjonijiet li nhargu fuq il-post, kif ukoll c-citazzjoni/l-akkuza li l-esponenti rcieva zmien wara, jitrattaw incident wiehed biss u cioè dak tat-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs, go Triq San Gwann, il-Gharghur.

L-esponenti ghalhekk jtenni bir-rispett, illi la huwa kien digà gie akkuzat, u ikkundannat u ha anke ha l-piena ghall-agir tieghu fit-12 ta' Settembru 2012, fit-20.30hrs, tramite c-citazzjonijiet li tah il-pulizija fuq il-post, huwa ma seta' qatt jerga' jigi kkundannat u immultat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-agir tieghu rigward l-istess data u hin, fl-istess post.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet din l-eccezzjoni fid-digriet taghha tat-12 ta' Marzu, 2013 ghax:

> "Peress illi n-natura tal-kaz odjern huwa differenti min-natura tal-kaz li dwaru gja gie akkuzat l-akkuzat quddiem it-Tribunal Lokali, l-elementi ta' '*ne bis in eadem'* ma jissussistux u ghalhekk it-talba ma tregix".

Illi l-esponenti b'kull dovut rispett, ma jaqbilx ma din id-decizzjoni.

Fl-ewwel lok, jigi umilment sottomess, illi kif digà gie sottomess aktar il-fuq, hawn si tratta ta' kaz wiehed izolat li sehh f'data u hin partikolari, u ghalhekk, bir-rispett, l-esponenti ma jaqbilx mal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn irriteniet li n-natura taz-zewgt kazi hija differenti. Hawn si trattava ta' kaz wiehed u mhux tnejn. Kien propju l-allegat agir tal-esponenti f'mument

partikolarissimu li wassal biex jittiehdu proceduri kontra tieghu u mhux xi zewgt incidenti separati f'hinijiet separati.

Fit-tieni lok, isegwi ghalhekk, illi l-esponenti spicca akkuzat darbtejn ghall-istess agir tieghu, u huwa propju din id-duplicità li l-principju ta' *ne bis in idem* jrid jipprojbixxi.
Dan l-esponenti jsostnih mhux biss ghax jemmen li huwa ngust u kontra l-principji naturali tal-gustizzja li huwa jispicca akkuzat u misjub hati darbtejn ghall-agir f'hin u data partikolari, izda wkoll a bazi ta' gurisprudenza kopjuza fuq l-principju ta' ne bis in idem.

Dan il-principju gie analizzat mill-Qrati taghha b'mod dettaljat fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Nicolai Magrin***, referenza kostituzzjonali numru 29/2008, deciza fis-26 ta' Marzu 2009, fejn hemm referenza ampja anke ghall-gurisprudenza mhux biss lokali izda anke dik barranija fid-dawl ta' dan il-principju taht il-Konvenzjoni Ewropea.
L-esponenti ma hux ser jidhol fid-dettal fil-mertu tal-kawza citata, izda ser jiddiskuti biss u jiccita brani dwar principji li huwa jhoss li huma applikabbli ghall-kaz in kwistjoni. Dawn huma primarjament tnejn.

Fl-ewwel lok, f'din id-decizzjoni gie stabbilit illi l-principju ta' *ne bis in idem* japplika mhux biss ghal reati li dwarhom l-akkuzat ikun digà gie trattat fuqhom, izda wkoll ghal reati ohra li setghet tinstab htija dwarhom fl-ewwel process – u dan nonostante li huwa ma kienx akkuzat taghhom fl-ewwel process.
Infatti il-Qorti tghid is-segwenti:

> *"Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn process dwar reat, m'għandha qatt terga' tgħaddi minn process ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel process. Dan il-principju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-principju l-ieħor tar-res judicata li jikkostitwixxi eccezzjoni perentorja tal-gudizzju fil-qasam tal-procedura civili;"*

Fit-tieni lok, il-Qorti fil-kawza supra citata, wara li taghmel ukoll distinzjoni bejn dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni ta' Malta u dak li jipprovdi l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, tghaddi biex taghti spjegazzjoni ta' x'jfisser "l-istess fatt".

Jinghad illi filwaqt li l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni jghid li:

> *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:"*

L-artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*

Il-Qorti, taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-15 ta Novembru 1941[1] u tghid li:

> *"The criminal action is extinguished ....when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence found on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same fact."*

---

[1] Kif imsemmija fil-ktieb "*Recent Criminal Cases Annotated*" tal-Prof. W. Harding

Fid-dawl ta' din id-dottrina, l-esponenti jtenni bir-rispett, illi una volta, li l-pulizija f'dan il-kaz iddecidiet li tipprocedi kontra tieghu ghall-agir tieghu fit-12 ta' Settembru, 2012, fit-20.30hrs, billi hargitlu tlett citazzjonijiet fuq il-post stess, u dawn it-tlett citazzjoni spiccaw quddiem it-Tribunal Lokali, ma setghetx imbaghad, wara li huwa hallas il-multi ghal dawn ic-citazzjonijiet, takkuzah ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'reat li kien johrog mill-istess agir tieghu fid-data u hin in kwistjoni, u allura mill-istess fatt.

Huwa minnu illi l-pulizija fuq il-post ma hareg l-ebda citazzjoni kontra l-esponenti talli huwa kien qed allegatament isuq vettura li ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni, izda dan huwa reat li johrog mill-istess agir u li ghalih setghet tinstab htija. Jekk il-pulizija ghazlet li tipprocedi kontra l-esponenti billi tispezzetta l-akkuzi f'zewgt proceduri, dak kien zball, b'kull dovut rispett, tal-pulizija u li ghalih ma ghandux ibati l-esponenti.

Huwa minnu wkoll illi l-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja jghid li l-Qorti tal-Magistrati ma ghandhiex gurisdizzjoni dwar ir-reati imnizzla fl-Iskeda, izda, a bazi tal-proviso tal-artikolu 3(3) tal-Kap 291 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tal-Magistrati kellha gurisdizzjoni li titratta r-reati kollha li allegatament sehhew fil-mument in kwistjoni.

Dan kien kaz fejn il-*più comprende il meno,* il-pulizija kellha kull dritt, anzi hekk kellha tkun il-procedura korretta, illi oltre l-akkuza dwar l-assikurazzjoni, takkuza lill-esponenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bit-tlett reati l-ohra li taghhom hija tatu citazzjoni u gie trattat dwarhom quddiem it-Tribunal Lokali. Izda il-mument li ghazlet li tibghat lill-esponenti biex jigi trattat quddiem it-Tribunal Lokali, u kien hemm decizzjoni u piena li giet skontata, ma setghetx imbaghad takkuzah quddiem il-Qorti tal-Magistrati, b'reat li johrog mill-istess fatt.

Din l-ghazla tal-pulizija dwar kif l-esponenti gie akkuzat wasslet lill-esponenti biex jigi processat ossia akkuzat darbtejn ghall-istess fatt, u ghalhekk marret kontra l-principji kollha legali ta' *ne bis in idem*. U konsegwentament, bir-rispett, kienet skorretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta xorta ghaddiet biex issib htija fil-konfront tal-imputazzjoni prezentata quddiemha, nonostante il-prova dwar it-tlett citazzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u ghalhekk din il-Qorti kellha trga tisma x-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda.

Illi mill-provi prodotti u specifikatament mill-affidavit ta' PS746 Geoffrey Attard McCarthy jirrizulta li l-appellant fit-12 ta' Settembru, 2012 ghal habta tat-8.30 p.m. kien qed isuq vettura tat-tip Mitsubishi Pajero, bin-numru tar-registrazzjoni GAB 486. Hu gie mwaqqaf mill-pulizija ghaliex hu kien jitkellem fuq il-mobile waqt li kien qed isuq. Konseqwenza tal-fatt li twaqqaf l-appellant rrizulta, apparti li kien qed jitkellem fuq il-mobile, li ma kienx liebes seat belt, li l-licenza kienet skaduta u li l-assikurazzjoni ta' l-istess vettura kienet skaduta wkoll. Ghalhekk, il-pulizija harku lill-appellant dwar dawn l-erba' fatti.

Illi mill-atti jirrizulta li l-appellant hallas tlett kontravenzjonijiet u cioe' li l-vettura ma kellhiex licenzja, li kien qed juza l-mobile waqt li kien qed isuq u li ma kienx liebes seat belt.

Illi l-appellant ircieva citazzjoni fejn gie akkuzat li fit-12 ta' Settembru, 2012 ghal habta tat-8.30 p.m. kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB 486 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwr ir-riskji ghal terzi persuni.

Illi l-appellant hu tal-fehma li l-pulizija ma setghet qatt tohrog din ic-citazzjoni. L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti:

> "...Peress illi n-natura tal-kaz odjern huwa differenti min-natura tal-kaz li dwaru gja gie akkuzat, l-akkuzat quddiem it-Tribunal Lokali, l-elementi ta' *ne bis in idem* ma jissussistux u ghalhekk it-talba ma tregix."

Illi ma hemm ebda dubju li c-citazzjoni meritu ta' dan il-kaz ghandu l-origini tieghu fit-12 ta' Settembru, 2012 u kien dak in-nhar li l-pulizija nfurmaw lill-appellant li kien ser jitharrek fuq dawk l-erba' fatti hawn fuq imsemmija. Id-domanda li qajjem l-appellant hi dwar l-ghazla tal-pulizija li takkuzah ghal tlett kontravenzjonijiet quddiem it-Tribunal Lokali u thalli l-akkuza aktar serja ghal quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi a bazi tal-proviso ta' l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 291 tal-ligijiet ta' Malta l-Qorti tal-Magistrati ghandna gurisdizzjoni fuq l-ewwel tlett kontravenzjonijiet imsemmija jekk huma akkumpanjati ma akkuza ta' xi reat iehor li dwaru l-imsemmija Qorti jkollha gurisdizzjoni. Ghalhekk, l-appellant hu tal-fehma li hu kellu jigi akkuzat bl-erba' fatti f'daqqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi billi l-pulizija naqsu li jiehu din it-triq isegwi, skont l-appellant, li ma seta' qatt jigi mressaq ghal dan ir-reat. Hu qed jaghmel din is-sottomissjoni minhabba l-principju ta' *ne bis in idem.*
Il-pulizja ma kellhom ebda ghazla kif iressqa l-akkuza jekk l-akkuzi jitwieldu mill-istess fatt, kif hemm indikat fl-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jitkellem wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat. F'dan il-kaz ma kienx hawn liberazzjoni ghaliex l-appellant kien ammetta t-tlett kontravenzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi l-aggravju tal-appellant hu li jekk ser jigi processat it-tieni darba ghall-istess fatt, id-dritt tieghu taht l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ser jigi mittifes. Dan l-artikolu li hu mmwotat hawn fuq, hu ferm iktar wiesa mill-artikolu tal-Kodici Kriminali. Dan johrog car mis-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta' Marzu, 2009 fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.".

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, il-pulizija ma kellhiex id-dritt li taghzel f'liema Qrati l-appellant kellhu jigi processat. L-unika ghazla taghhom kienet li tressaq lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati u jakkuzaw lill-appellant bil-fatti kollha naxxenti mill-incident tat-12 ta' Settembru, 2012.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell ta' Jason Farrugia.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.